MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Talba Numru. 143/2005

**Citadel Insurance p.l.c. (C113) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Philip Tanti, sija bil-polza u sija bil-Ligi, u l-istess Philip Tanti**

**Vs**

**Redento Briffa**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm851.50c (tmien mija u wiehed u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi in segwitu l-incident awtomobilistiku li sehh nhar id-9 ta' Jannar, 2003, fi Triq tal-Barrani bejn il-vettura FAW 838 misjuqa minn u proprjeta' ta' l-attur u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBF 763 misjuqa mill-

konvenut, u ghal liema danni jahti unikament l-istess konvenut minhabba mperizja, traskuragni, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Il-konvenut, ghalkemm interpellat, anki permezz ta' Ittra Ufficjali tal-5 ta' Mejju, 2004, baqa' nadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tal-5 ta' Mejju, 2004 ipprezentata kontra l-konvenut, u l-Ittra Ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba kontra s-socjeta' assikurattrici tal-vettura misjuqa mill-konvenut, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Stephen Muscat jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------